II

(Atti mhux leġiżlattivi)

REGOLAMENTI

REGOLAMENT DELEGAT TAL-KUMMISSJONI (UE) 2020/217

tal-4 ta' Ottubru 2019

li jemenda, għall-finijiet tal-adattament tiegħu għall-progress tekniku u xjentifiku, ir-Regolament (KE) Nru 1272/2008 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar il-klassifikazzjoni, l-ittikkettar u l-imballaġġ tas-sustanzi u t-taħlitiet u li jikkoreġi dak ir-Regolament

(Test b'rilevanza għaż-ŻEE)

IL-KUMMISSJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidrat it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament (KE) Nru 1272/2008 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-16 ta' Diċembru 2008 dwar il-klassifikazzjoni, l-ittikkettar u l-imballaġġ tas-sustanzi u t-taħlitiet, li jemenda u jħassar id-Direttivi 67/548/KEE u 1999/45/KE, u li jemenda r-Regolament (KE) Nru 1907/2006 ([1]), u b'mod partikulari l-Artikoli 37(5) u 53(1) tiegħu,

Billi:

(1) It-Tabella 3 tal-Parti 3 tal-Anness VI tar-Regolament (KE) Nru 1272/2008 fiha l-lista tal-klassifikazzjoni u t-tikkettar armonizzati ta' sustanzi perikoluż abbażi tal-kriterji stipulati fil-Partijiet 2 sa 5 tal-Anness I tal-istess Regolament.

(2) Tressqu proposti għall-introduzzjoni tal-klassifikazzjoni u t-tikkettar armonizzati ta' ċerti sustanzi u għall-aġġornar jew it-tħassir tal-klassifikazzjoni u t-tikkettar armonizzati ta' ċerti sustanzi oħrajn lill-Aġenzija Ewropea għas-Sustanzi Kimiċi ("l-Aġenzija"), skont l-Artikolu 37 tar-Regolament (KE) Nru 1272/2008. Abbażi tal-opinjonijiet dwar dawk il-proposti maħruġa mill-Kumitat għall-Istima tar-Riskji tal-Aġenzija (RAC), u abbażi tal-kummenti li waslu mingħand il-partijiet konċernati, jixraq li jiġu introdotti, aġġornati jew imħassra l-klassifikazzjoni u t-tikkettar armonizzati ta' ċerti sustanzi. Dawk l-opinjonijiet tar-RA ([2])C huma:

— Opinjoni tad-9 ta' Ġunju 2017 dwar 4,4'-sulfonilbisfenol, polimer bil-klorur tal-ammonju (NH_4Cl), pentakloro-fosforane u fenol

— Opinjoni tat-22 ta' Settembru 2017 dwar disodju 4-amino-6-((4-((4-(2,4-djaminofenil)azo)fenilsulfamojl)fenil) azo)-5-idrossi-3-((4-nitrofenil)azo)naftalene- 2,7-disulfonate;

— Opinjoni tad-9 ta' Ġunju 2017 dwar fenil bis(2,4,6-trimetilbenzojl)-fosphin ossidu;

— Opinjoni tat-22 ta' Settembru 2017 dwar il-kobalt;

— Opinjoni tat-22 ta' Settembru 2017 dwar nikil bis(sulfamidat); nikilsulfamat;

— Opinjoni tal-22 ta' Settembru 2017 dwar l-ossidu tal-etilene; ossiran;

— Opinjoni tat-22 ta' Settembru 2017 dwar 2,4,6,8-tetramethyl-1,3,5,7-tetraoxacyclooctane; metaldeid

— Opinjoni tal-15 ta' Marzu 2017 dwar 2-benzyl-2-dimethylamino-4'morpholinobutyrophenone;

([1]) OJ L 353, 31.12.2008, p. 1.

([2]) https://echa.europa.eu/registry-of-clh-intentions-until-outcome/-/dislist/name/-/ecNumber/-/casNumber/-/dte_receiptFrom/-/dte_receiptTo/-/prc_public_status/Opinion+Adopted/dte_withdrawnFrom/-/dte_withdrawnTo/-/sbm_expected_submissionFrom/-/sbm_expected_submissionTo/-/dte_finalise_deadlineFrom/-/dte_finalise_deadlineTo/-/haz_addional_hazard/-/lec_submitter/-/dte_assessmentFrom/-/dte_assessmentTo/-/prc_regulatory_programme/-/

— Opinjoni tal-5 ta' Diċembru 2017 dwar il-piridat (ISO); O-(6-chloro-3-fenilpiridażin-4-il) S-oktil tijokarbonat;

— Opinjoni tat-22 ta' Settembru 2017 dwar il-metakrilat tad-dodeċil;

— Opinjoni tat-5 ta' Diċembru 2017 dwar 2-fenilessannenitril;

— Opinjoni tal-15 ta' Marzu 2017 dwar it-thiabendazole (ISO); 2-(thiazol-4-yl)benzimidazole;

— Opinjoni tad-9 ta' Ġunju 2017 dwar N, N-dijetil-m-toluwammid; deet;

— Opinjoni tal-14 ta' Settembru 2017 dwar id-Diossidu tat-titanju;

— Opinjoni tal-15 ta' Marzu 2017 dwar il-Klorur metilmerkurju;

— Opinjoni tad-9 ta' Ġunju 2017 dwar il-benzo[*rst*]pentassafen;

— Opinjoni tad-9 ta' Ġunju 2017 dwar id-dibenżo[*b,def*]krisen;dibenżo[a,h]pirene

— Opinjoni tat-22 ta' Settembru 2017 dwar Ethanol, 2,2'-iminobis-, N-(C13-15-alkil fergħi u lineari) derivs;

— Opinjoni tal-5 ta' Diċembru 2017 dwar is-cyflumetofen (ISO); 2-methoxyethyl(RS) -2-(4-tert-butylphenyl)-2-cyano-3-oxo-3-(α,α,α- trifluoro-o-tolyl)propionate;

— Opinjoni tad-9 ta' Ġunju 2017 dwar Pentapotassium 2,2',2",2"',2""-(ethane-1,2-diylnitrilo)pentaacetate;

— Opinjoni tad-9 ta' Ġunju 2017 dwar N-carboxymethyliminobis(ethylenenitrilo)tetra(acetic acid);

— Opinjoni tad-9 ta' Ġunju 2017 dwar pentasodium(carboxylatomethyl)iminobis(ethylenenitrilo) tetraacetate;

— Opinjoni tad-9 ta' Ġunju 2017 dwar il-ftalat tad-diisoeżil;

— Opinjoni tad-9 ta' Ġunju 2017 dwar fludioxonil (ISO); 4-(2,2-difluoro-1,3-benzodioxol-4-yl)-1H-pyrrole-3-carbonitrile;

— Opinjoni tat-22 ta' Settembru 2017 dwar halosulfuron-methyl (ISO); methyl3-chloro-5{[(4,6-dimethoxy-pyrimidin-2-yl)carbamoyl]sulfamoyl}-1-methyl-1H-pyrazole4-carboxylate;

— Opinjoni tal-5 ta' Diċembru 2017 dwar 2-methylimidazole;

— Opinjoni tal-15 ta' Marzu 2017 dwar (RS)-2-methoxy-N-methyl-2-[α-(2,5-xylyloxy)-o-tolyl]acetamide; mandestrobin;

— Opinjoni tal-5 ta' Diċembru 2017 dwar carboxin (ISO); 2-methyl-N-phenyl-5,6-dihydro-1,4-oxathiine-3-carboxamide; 5,6-dihydro-2-methyl-1,4-oxathiine-3-carboxanilide;

— Opinjoni tal-5 ta' Diċembru 2017 dwar metaflumizone (ISO); (*EZ*)-2'-[2-(4-cyanophenyl)-1-(α,α,α -trifluoro-m-tolyl)ethylidene]-[4-(trifluoromethoxy)phenyl]carbanilohydrazide [*E*-isomer ≥ 90 %, *Z*-isomer≤ 10 % relative content] [1] (*E*)-2'-[2-(4-cyanophenyl)-1-(α,α,α -trifluoro-m-tolyl)ethylidene]-[4-(trifluoromethoxy)phenyl] carbanilohydrazide [2];

— Opinjoni tal-5 ta' Diċembru 2017 dwar Dibutylbis(pentane-2,4-dionato-O,O')tin.

(3) L-Istimi ta' Tossiċità Akuta (ATE) jintużaw prinċipalment biex tiġi ddeterminata l-klassifikazzjoni ta' taħlitiet li fihom sustanzi tossiċi b'rabta mat-tossiċità akuta għas-saħħa tal-bniedem. L-inklużjoni ta' valuri ta' ATE armonizzati fl-entrati elenkati fl-Anness VI tar-Regolament (KE) Nru 1272/2008 tiffaċilita l-armonizzazzjoni tal-klassifikazzjoni tat-taħlitiet u tipprovdi appoġġ lill-awtoritajiet tal-infurzar. Wara valutazzjonijiet xjentifiċi ulterjuri ta' xi sustanzi, il-valuri ta' ATE ġew ikkalkulati għall-klorur metilmerkuriku, pentapotassiku 2,2',2",2"',2""-(etan-1,2-diilnitrilo) pentaaċetat, N-karbossimetiliminobis (etilenenitralo) tetra (aċidu aċetiku), pentasodju (carboxylatomethyl) iminobis (ethylenitrilo) tetraaċetat (DTPA), ossidu tal-etilene, ossiran u metaldeid (ISO), 2,4,6,8-tetrametil-1,3,5,7-tetraossaċikloottan, minbarra dawk proposti fl-opinjonijiet tal-RAC. Dawk il-valuri ATE ġew ikkalkulati u għandhom jiddaħħlu fil-kolonna ta' qabel tal-aħħar tat-Tabella 3 tal-Parti 3 tal-Anness VI tar-Regolament (KE) Nru 1272/2008.

(4) Fl-opinjoni xjentifika tiegħu tat-22 ta' Settembru 2017 dwar is-sustanza kobalt, l-RAC ippropona li dik is-sustanza tiġi kklassifikata bħala karċinoġenu tal-kategorija 1B b'limitu speċifiku ta' konċentrazzjoni ta' ≥ 0,01 %. Madankollu, il-metodoloġija użata biex tiddetermina limitu sapeċifiku tal-konċentrazzjoni kienet teħtieġ valutazzjoni oħra b'mod partikolari tal-applikabbiltà tagħha għall-komposti tal-metall. Għalhekk jixraq li, għalissa, ma jiġi introdott l-ebda limitu speċifiku tal-konċentrazzjoni fit-Tabella 3 tal-Parti 3 tal-Anness VI tar-Regolament (KE) Nru 1272/2008 għall-kobalt, f'liema każ japplika l-limitu ta' konċentrazzjoni ta' ≥ 0,1 %, skont it-Tabella 3.6.2 tal-Anness I ta' dak ir-Regolament.

(5) Fl-opinjoni xjentifika tiegħu tal-14 ta' Settembru 2017 dwar is-sustanza diossidu tat-titanju, l-RAC ippropona li dik is-sustanza tiġi kklassifikata bħala karċinoġenu tal-kategorija 2 meta jittieħed bl-inalazzjoni. Peress li l-karċinoġeniċità indotta mid-diossidu tat-titanju hija assoċjata mal-inalazzjoni ta' partiċelli tad-diossidu tat-titanju respirabbli, iż-żamma u s-solubilità batuta tal-partiċelli fil-pulmun, jixraq li jiġu ddefiniti l-partikoli tad-diossidu tat-titanju respirabbli fl-entrata tad-diossidu tat-titanju. Huwa preżunt li l-partiċelli depożitati, iżda mhux soluti tad-diossidu tat-titanju, huma l-kawża tat-tossiċità osservata fil-pulmun u fl-iżvilupp sussegwenti tat-tumuri. Sabiex tiġi evitata klassifikazzjoni mhux ġustifikata ta' forom mhux perikoluży ta' din is-sustanza, jeħtieġ li jiġu stabbiliti noti speċifiċi għall-klassifikazzjoni u t-tikkettar tas-sustanza u t-taħlitiet li jkun fihom kontenut minnha. Barra minn hekk, minħabba li jistgħu jiġu ffurmati xi trab jew taqtiriet perikoluży waqt l-użu ta' taħlitiet li fihom id-diossidu tat-titanju, jeħtieġ li l-utenti jiġu infurmati dwar il-miżuri ta' prekawzjoni li għandhom jittieħdu biex jiġi minimizzat il-periklu għas-saħħa tal-bniedem.

(6) Fir-rigward tas-sustanzi pentapotassju 2,2',2",2"',2""-(etan-1,2-diilnitrilo)pentaaċetat, N-karbossimetiliminobis (etilenenitralo)tetra(aċidu aċetiku) u pentasodju (karbossilatometil)iminobis(etilenenitralo)iminobis(etilenetrilo) tiiminobis(etilenenitralo)(DTPA), il-klassifikazzjoni bħala kategorija tossika akuta 4, tossikant ta' organi speċifiċi b'espożizzjoni ripetuta (kategorija 2), rakkomandat fl-opinjonijiet tal-Kumitat għall-Istima tar-Riskji tad-9 ta' Ġunju 2017, għandhom jiġu inklużi fl-Anness VI tar-Regolament (KE) Nru 1272/2008 peress li hemm biżżejjed evidenza xjentifika disponibbli li tiġġustifika dawk il-klassifikazzjonijiet il-ġodda. Fir-rigward tas-sustanzi pentapotassiku 2,2',2",2"',2""-(etan-1,2-diilnitrilo) pentaaċetat u N-karbossimetiliminobis(etilenenitrilo)tetra(aċidu aċetiku), il-klassifikazzjoni bħala irritanti għall-għajnejn 2, rakkomandata fl-opinjonijiet RAC tad-9 ta' Ġunju 2017, għandha tiġi inkluża fl-Anness VI tar-Regolament (KE) Nru 1272/2008, peress li hemm evidenza xjentifika suffiċjenti disponibbli li tiġġustifika dawk il-klassifikazzjonijiet ġodda. Madankollu, il-klassifikazzjoni tas-sustanzi pentapotassiku 2,2',2",2"',2""-(etan-1,2-diilnitrilo)pentaaċetat, N-karbossimetiliminobis(etilenitrilo)tetra (aċidu aċetiku) u pentasodju (karbossilatometil) itetraaċetat (DTPA), bħala tossiċi għar-riproduzzjoni, kategorija 1B ma għandhomx jiġu inklużi, peress li din teħtieġ valutazzjoni ulterjuri mill-RAC fid-dawl ta' data xjentifika ġdida dwar it-tossiċità għar-riproduzzjoni ppreżentata mill-industrija wara li l-opinjonijiet tal-Kumitat għall-Istima tar-Riskji ntbagħtu lill-Kummissjoni.

(7) Għalhekk jenħtieġ li r-Regolament (KE) Nru 1272/2008 jiġi emendat kif meħtieġ.

(8) Ir-Regolament (KE) Nru 1272/2008 fih il-klassifikazzjoni armonizzata, l-ittikkettar u l-imballaġġ għas-sustanza piċċ, qatran tal-faħam, temperatura għolja. Il-Kummissjoni emendat il-klassifikazzjoni, l-ittikkettar u l-imballaġġ armonizzati ta' dik is-sustanza skont ir-Regolament (UE) Nru 944/2013 ([3]) b'effett mill-1 ta' April 2016. Ir-Regolament tal-Kummissjoni (UE) 2018/669 ([4]) emenda wkoll ir-Regolament (KE) Nru 1272/2008. Madankollu, minħabba sorveljanza amministrattiva, ċerti emendi — li l-validità tagħhom ma kinitx affettwata mis-sentenza tal-Qorti Ġenerali fil-Kawża T-689/13 ([5]) kif ikkonfermata mis-sentenza tal-Qorti tal-Ġustizzja fil-Kawża C-691/15 P ([6]) - introdotta mir-Regolament (UE) Nru 944/2013 ma kinux riflessi fir-Regolament (UE) 2018/669. Dak ir-Regolament se jibda japplika mill-1 ta' Diċembru 2019. Ir-Regolament (KE) Nru 1272/2008 għalhekk għandu jiġi mħassar b'effett mill-istess data.

(9) Biex jiġi żgurat li l-forniturі tas-sustanzi u tat-taħlitiet ikollhom iż-żmien biex jadattaw għad-dispożizzjonijiet il-ġodda dwar il-klassifikazzjoni u t-tikkettar, jenħtieġ li l-applikazzjoni ta' dan ir-Regolament tiġi diferita.

(10) Sabiex ikun hemm konsistenza mal-approċċ li jirfed l-Artikolu 61(2) tar-Regolament (KE) Nru 1272/2008, il-forniturі għandu jkollhom il-possibbiltà li japplikaw id-dispożizzjonijiet dwar il-klassifikazzjoni, l-ittikkettar u l-imballaġġ introdotti minn dan ir-Regolament fuq bażi volontarja qabel id-data tal-applikazzjoni tiegħu,

ADOTTAT DAN IR-REGOLAMENT:

Artikolu 1

Emendi fir-Regolament (KE) Nru 1272/2008

Ir-Regolament (KE) Nru 1272/2008 huwa emendat kif ġej:

(1) L-Anness II huwa emendat kif stabbilit fl-Anness I ta' dan ir-Regolament;

([3]) Commission Regulation (EU) No 944/2013 of 2 October 2013 amending, for the purposes of its adaptation to technical and scientific progress, Regulation (EC) No 1272/2008 of the European Parliament and of the Council on classification, labelling and packaging of substances and mixtures (OJ L 261, 3.10.2013, p. 5).

([4]) Commission Regulation (EU) 2018/669 of 16 April 2018 amending, for the purposes of its adaptation to technical and scientific progress, Regulation (EC) No 1272/2008 of the European Parliament and of the Council on classification, labelling and packaging of substances and mixtures (OJ L 115, 4.5.2018, p. 1).

([5]) Judgment of the General Court of 7 October 2015, *Bilbaína de Alquitranes and Others v Commission*, T-689/13, EU:T:2015:767.

([6]) Judgment of the Court of 22 November 2017, *Commission v Bilbaína de Alquitranes and Others*, C-691/15 P, EU:C:2017:882.

(2) L-Anness III huwa emendat kif stabbilit fl-Anness II ta' dan ir-Regolament;

(3) L-Anness VI huwa emendat kif stabbilit fl-Anness III ta' dan ir-Regolament.

Artikolu 2

Korrezzjoni tar-Regolament (UE) Nru 1272/2008

L-Anness VI tar-Regolament (KE) Nru 1272/2008 huwa emendat kif indikat fl-Anness IV ta' dan ir-Regolament.

Artikolu 3

Dħul fis-seħħ u applikazzjoni

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fl-għoxrin jum wara dak tal-pubblikazzjoni tiegħu f'Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea.

Huwa għandu japplika mill-1 ta' Ottubru 2021.

Madankollu, l-Artikolu 2 għandu japplika mill-1 ta' Diċembru 2019.

Is-sustanzi u t-taħlitiet jistgħu, qabel l-1 ta' Ottubru 2021, jiġu kklassifikati, ittikkettati u mballaġġati b'konformità mar-Regolament (KE) Nru 1272/2008 kif emendat b'dan ir-Regolament.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussell, l-4 ta' Ottubru 2019.

Għall-Kummissjoni
Il-President
Jean-Claude JUNCKER

ANNESS I

Il-Parti 2 tal-Anness II tar-Regolament (KE) Nru 1272/2008 hija emendata kif ġej:

(1) Il-paragrafu introduttorju huwa emendat kif ġej::

"Id-dikjarazzjonijet stabbiliti fit-taqsimiet 2.1 sa 2.10 u 2.12 għandhom jiġu assenjati għal taħlitiet skont l-Artikolu 25 (6)."

(2) Tiżdied it-Taqsima 2.12:

"2.12. **Taħlitiet li fihom id-diossidu tat-titanju**

It-tikketta fuq l-imballaġġ tat-taħlitiet likwidi li fihom 1 % jew aktar ta' partiċelli tad-diossidu tat-titanju b'dijametru ajrudinamiku ta' 10 μm jew inqas għandu jkollha fuqha d-dikjarazzjoni li ġejja:

EUH211: "Twissija! Jista' jifforma qtar perikoluż li jinġibed man-nifs meta tisprejja minn dan. Tiġbidx l-isprej jew l-irxiex man-nifs."

It-tikketta fuq l-imballaġġ tat-taħlitiet solidi li fihom 1 % jew aktar ta' diossidu tat-titanju għandu jkollha fuqha d-dikjarazzjoni li ġejja:

EUH212: "Twissija! Meta jintuża dan, jista' jifforma trab perikoluż li jinġibed man-nifs. Tiġbidx it-trab man-nifs."

Barra minn hekk, it-taħlitiet likwidi u solidi li mhumiex maħsuba għall-pubbliku ġenerali u li mhumiex ikklassifikati bħala perikolużi, li jkollhom il-marki EUH211 jew EUH212 fuq l-imballaġġ, fuq it-tikketta tal-imballaġġ għandu jkollhom ukoll id-dikjarazzjoni EUH210.

ANNESS II

Fil-Parti 3 tal-Anness III tar-Regolament (KE) Nru 1272/2008, jiddaħħlu r-ringieli EUH 211 u EUH 212 li ġejjin:

"EUH211	Lingwa	
	BG	Внимание! При пулверизация могат да се образуват опасни респирабилни капки. Не вдишвайте пулверизираната струя или мъгла.
	ES	¡Atención! Al rociar pueden formarse gotas respirables peligrosas. No respirar el aerosol.
	CS	Pozor! Při postřiku se mohou vytvářet nebezpečné respirabilní kapičky. Nevdechujte aerosoly nebo mlhu.
	DA	Advarsel! Der kan danne sig farlige respirable dråber, når der sprayes. Undgå indånding af spray eller tåge.
	DE	Achtung! Beim Sprühen können gefährliche lungengängige Tröpfchen entstehen. Aerosol oder Nebel nicht einatmen.
	ET	Hoiatus! Pihustamisel võivad tekkida ohtlikud sissehingatavad piisad. Pihustatud ainet või udu mitte sisse hingata.
	EL	Προσοχή! Κατά τον ψεκασμό μπορούν να σχηματιστούν επικίνδυνα εισπνεύσιμα σταγονίδια. Μην αναπνέετε το εκνέφωμα ή τα σταγονίδια.
	EN	Warning! Hazardous respirable droplets may be formed when sprayed. Do not breathe spray or mist.
	FR	Attention! Des gouttelettes respirables dangereuses peuvent se former lors de la pulvérisation. Ne pas respirer les aérosols ni les brouillards.
	GA	Aire! D'fhéadfaí braoiníní guaiseacha inanálaithe a chruthú nuair a spraeáiltear an táirge seo. Ná hanálaigh sprae ná ceo.
	HR	Upozorenje! Pri prskanju mogu nastati opasne respirabilne kapljice. Ne udisati aerosol ni maglicu.
	IT	Attenzione! In caso di vaporizzazione possono formarsi goccioline respirabili pericolose. Non respirare i vapori o le nebbie.
	LV	Uzmanību! Izsmidzinot var veidoties bīstami ieelpojami pilieni. Ne smidzinājumu, ne miglu neieelpot.
	LT	Atsargiai! Purškiant gali susidaryti pavojingų įkvepiamų lašelių. Neįkvėpti rūko ar aerozolio.
	HU	Figyelem! Permetezés közben veszélyes, belélegezhető cseppek képződhetnek. A permetet vagy a ködöt nem szabad belélegezni.
	MT	Twissija! Jista' jifforma qtar perikolu̇ż li jinġibed man-nifs meta tisprejja minn dan. Tiġbidx l-isprej jew l-irxiex man-nifs.
	NL	Let op! Bij verneveling kunnen gevaarlijke inhaleerbare druppels worden gevormd. Spuitnevel niet inademen.
	PL	Uwaga! W przypadku rozpylania mogą się tworzyć niebezpieczne respirabilne kropelki. Nie wdychać rozpylonej cieczy lub mgły.
	PT	Atenção! Podem formar-se gotículas inaláveis perigosas ao pulverizar. Não respirar a pulverização ou névoas.
	RO	Avertizare! Se pot forma picături respirabile periculoase la pulverizare. Nu respirați prin pulverizare sau ceață.
	SK	Pozor! Pri rozprašovaní sa môžu vytvárať nebezpečné respirabilné kvapôčky. Nevdychujte aerosóly ani hmlu.
	SL	Pozor! Pri razprševanju lahko nastanejo nevarne vdihljive kapljice. Ne vdihavajte razpršila ali meglic.

“EUH211	Lingwa	
	FI	Varoitus! Vaarallisia keuhkorakkuloihin kulkeutuvia pisaroita saattaa muodostua suihkutuksen yhteydessä. Älä hengitä suihketta tai sumua.
	SV	Varning! Farliga respirabla droppar kan bildas vid sprejning. Inandas inte sprej eller dimma.”

“EUH212	Lingwa	
	BG	Внимание! При употреба може да се образува опасен респирабилен прах. Не вдишвайте праха.
	ES	¡Atención! Al utilizarse, puede formarse polvo respirable peligroso. No respirar el polvo.
	CS	Pozor! Při použití se může vytvářet nebezpečný respirabilní prach. Nevdechujte prach.
	DA	Advarsel! Der kan danne sig farligt respirabelt støv ved anvendelsen. Undgå indånding af støv.
	DE	Achtung! Bei der Verwendung kann gefährlicher lungengängiger Staub entstehen. Staub nicht einatmen.
	ET	Hoiatus! Kasutamisel võib tekkida ohtlik sissehingatav tolm. Tolmu mitte sisse hingata.
	EL	Προσοχή! Κατά τη χρήση μπορεί να σχηματιστεί επικίνδυνη εισπνεύσιμη σκόνη. Μην αναπνέετε τη σκόνη.
	EN	Warning! Hazardous respirable dust may be formed when used. Do not breathe dust.
	FR	Attention! Une poussière respirable dangereuse peut se former lors de l’utilisation. Ne pas respirer cette poussière.
	GA	Aire! D’fhéadfaí deannach guaiseach inanálaithe a chruthú nuair a úsáidtear an táirge seo. Ná hanálaigh deannach.
	HR	Upozorenje! Pri prskanju može nastati opasna respirabilna prašina. Ne udisati prašinu.
	IT	Attenzione! In caso di utilizzo possono formarsi polveri respirabili pericolose. Non respirare le polveri.
	LV	Uzmanību! Izmantojot var veidoties bīstami ieelpojami putekļi. Putekļus neieelpot.”
	LT	Atsargiai! Naudojant gali susidaryti pavojingų įkvepiamų dulkių. Neįkvėpti dulkių.
	HU	Figyelem! Használatkor veszélyes, belélegezhető por képződhet. A port nem szabad belélegezni.
	MT	Twissija! Meta jintuża dan, jista’ jifforma trab perikoluż li jinġibed man-nifs. Tiġbidx it-trab man-nifs.
	NL	Let op! Bij gebruik kunnen gevaarlijke inhaleerbare stofdeeltjes worden gevormd. Stof niet inademen.
	PL	Uwaga! W przypadku stosowania może się tworzyć niebezpieczny pył respirabilny. Nie wdychać pyłu.
	PT	Atenção! Podem formar-se poeiras inaláveis perigosas ao pulverizar. Não respirar as poeiras.
	RO	Avertizare! Se poate forma pulbere respirabilă periculoasă în timpul utilizării. Nu inspirați pulberea.
	SK	Pozor! Pri použití sa môže vytvárať nebezpečný respirabilný prach. Nevdychujte prach.
	SL	Pozor! Pri uporabi lahko nastane nevaren vdihljiv prah. Prahu ne vdihavajte.
	FI	Varoitus! Vaarallista keuhkorakkuloihin kulkeutuvaa pölyä saattaa muodostua käytön yhteydessä. Älä hengitä pölyä.
	SV	Varning! Farligt respirabelt damm kan bildas vid användning. Inandas inte damm.”

ANNESS III

L-Anness VI tar-Regolament (KE) Nru 1272/2008 huwa emendat kif ġej:

(1) Il-Parti 1 hija emendata kif ġej:

(a) fil-punt 1.1.3.1, jiżdiedu n-noti V u W li ġejjin:

"Nota V:

Jekk is-sustanza se tkun trid titqiegħed fis-suq fl-għamla ta' fibri (b'dijametru ta' < 3 μm, tul ta' > 5 μm u proporzjon tal-aspett ta' ≥ 3: 1) jew partiċelli tas-sustanza li jissodisfaw il-kriterji tal-fibri tad-WHO, jew bħala partiċelli b'kimika tal-wiċċ modifikata, il-karatteristiċi perikoluż tagħhom jeħtieġ li jiġu evalwati skont it-Titolu II ta' dan ir-Regolament biex jiġi vvalutat jekk jenħtieġx li tiġi applikata kategorija ogħla (Karċ. 1B jew 1A) u/jew rotot ta' esponiment addizzjonali (mill-ħalq jew mill-ġilda)".

Nota W:

"Ġie osservat li l-periklu karċinoġeniku ta' din is-sustanza jfeġġ meta t-trab li jinġibed man-nifs jittieħed fi kwantitajiet li jwasslu għal limitazzjoni sinifikanti tal-mekkaniżmi normali ta' tneħħija ta' partiċelli fil-pulmun.

This note aims to describe the particular toxicity of the substance; it does not constitute a criterion for classification according to this Regulation.";

(b) fil-punt 1.1.3.2, tiżdied in-nota 10 li ġejja:

"Nota 10:

Il-klassifikazzjoni bħala karċinoġenu bit-teħid man-nifs tapplika biss għat-taħlitiet fil-forma ta' trab li fih 1 % jew aktar tad-diossidu tat-titanju li huwa fil-forma jew inkorporat f'partiċelli b'dijametru ajrudinamiku ta' ≤ 10 μm.";

(2) fil-Parti 3, it-Tabella 3 hija emendata kif ġej:

(a) ir-ringieli bin-numri tal-indiċi 604-083-00-X u 611-159-00-6 huma mħassra;

(b) ir-ringieli li jikkorrispondu man-numri tal-indiċi 015-189-00-5, 027-001-00-9, 028-018-00-4, 603-023-00-X, 605-005-00-7, 606-047-00-9, 607-232-00-7, 607-247-00-9, 608-039-00-0, 613-054-00-0, 616-018-00-2 u 648-055-00-5 huma sostitwiti mir-ringieli rispettivi li ġejjin:

Nru tal-Indiċi	Isem kimiku	Nru tal-KE	Nru CAS	Klassifikazzjoni		Tikkettar			Limiti ta' Konċ. Speċifiċi, Fatturi-M u ATEs	Noti
				Klassi ta' Periklu u Kodiċi(jiet) ta' Kategorija	Kodiċi(jiet) tad-dikjarazzjoni ta' Periklu	Pittogramma, Kodiċi(jiet) tal-Kliem Bħala Sinjal	Kodiċi(jiet) tad-dikjarazzjoni ta' Periklu	Kodiċi (jiet) Suppl. tad-dikjarazz-jonijiet ta' Periklu		
"015-189-00-5	ossidu tal-bis(2,4,6-trime-tilbenzojl)-fosfina tal-fenil	423-340-5	162881-26-7	Skin Sens. 1A Aquatic Chronic 4	H317 H413	GHS07 Wng	H317 H413"			

Nru tal-Indiċi	Isem kimiku	Nru tal-KE	Nru CAS	Klassifikazzjoni		Tikkettar			Limiti ta' Konċ. Speċifiċi, Fatturi-M u ATEs	Noti
				Klassi ta' Periklu u Kodiċi(jiet) ta' Kategorija	Kodiċi(jiet) tad-dikjarazzjoni ta' Periklu	Pittogramma, Kodiċi(jiet) tal-Kliem Bħala Sinjal	Kodiċi(jiet) tad-dikjarazzjoni ta' Periklu	Kodiċi (jiet) Suppl. tad-dikjarazz-jonijiet ta' Periklu		
"027-001-00-9	kobalt	231-158-0	7440-48-4	Carc. 1B Muta. 2 Repr. 1B Resp. Sens. 1 Skin Sens. 1 Aquatic Chronic 4	H350 H341 H360F H334 H317 H413	GHS08 Dgr	H350 H341 H360F H334 H317 H413"			
"028-018-00-4	bis(sulfammidat) tan-nikil; sulfamat tan-nikil	237-396-1	13770-89-3	Carc. 1A Muta. 2 Repr. 1B Acute Tox. 4 STOT RE 1 Resp. Sens. 1 Skin Sens. 1 Aquatic Acute 1 Aquatic Chronic 1	H350i H341 H360D*** H302 H372** H334 H317 H400 H410	GHS08 GHS07 GHS09 Dgr	H350i H341 H360D*** H302 H372** H334 H317 H410		orali: ATE = 853 mg/kg pġ (anidrat) orali: ATE = 1098 mg/kg pġ (tetraidrat) STOT RE 1; H372: C ≥ 1 % STOT RE 2; H373: 0,1 % ≤ C < 1 % Skin Sens. 1; H317: C ≥ 0,01 % M=1"	
"603-023-00-X	ossidu tal-etilen; ossiran	200-849-9	75-21-8	Flam. Gas 1 Press. Gas Carc. 1B Muta. 1B Repr. 1B Acute Tox. 3 Acute Tox. 3 STOT SE 3 STOT SE 3 STOT RE 1 Skin Corr. 1 Eye Dam. 1	H220 H350 H340 H360Fd H331 H301 H335 H336 H372 (is-sistema nervuża) H314 H318	GHS02 GHS08 GHS06 GHS05 Dgr	H220 H350 H340 H360Fd H331 H301 H335 H336 H372 (is-sistema nervuża) H314		bil-ġbid tan-nifs: ATE = 700ppm (gassijiet) orali: ATE = 100 mg/kg pġ"	U

Nru tal-Indiċi	Isem kimiku	Nru tal-KE	Nru CAS	Klassifikazzjoni		Tikkettar			Limiti ta' Konċ. Speċifiċi, Fatturi-M u ATEs	Noti
				Klassi ta' Periklu u Kodiċi(jiet) ta' Kategorija	Kodiċi(jiet) tad-dikjarazzjoni ta' Periklu	Pittogramma, Kodiċi(jiet) tal-Kliem Bħala Sinjal	Kodiċi(jiet) tad-dikjarazzjoni ta' Periklu	Kodiċi (jiet) Suppl. tad-dikjarazz-jonijiet ta' Periklu		
"605-005-00-7	metaldeid (ISO); 2,4,6,8-tetrametil-1,3,5,7-tetraossaċikloottan	203-600-2	108-62-3	Flam. Sol. 2 Repr. 2 Acute Tox. 3 Aquatic Chronic 3	H228 H361f H301 H412	GHS02 GHS08 GHS06 Dgr	H228 H361f H301 H412		orali: ATE = 283 mg/kg pġ"	
"606-047-00-9	2-benżil-2-dimetilammino-4'-morfolinobutirofenon	404-360-3	119313-12-1	Repr. 1B Aquatic Acute 1 Aquatic Chronic 1	H360D H400 H410	GHS08 GHS09 Dgr	H360D H410"			
"607-232-00-7	piridat (ISO); tijokarbonat ta' O-(6-kloro-3-fenilpiridażin-4-il) *S*-ottil	259-686-7	55512-33-9	Acute Tox. 4 Skin Irrit. 2 Skin Sens. 1 Aquatic Acute 1 Aquatic Chronic 1	H302 H315 H317 H400 H410	GHS07 GHS09 Wng	H302 H315 H317 H410		orali: ATE = 500 mg/kg pġ M=1 M=10"	
"607-247-00-9	metakrilat tad-dodeċil	205-570-6	142-90-5	STOT SE 3	H335	GHS07 Wng	H335		STOT SE 3; H335: C ≥ 10%"	
"608-039-00-0	2-fenilessannenitril	423-460-8	3508-98-3	Acute Tox. 4 Aquatic Chronic 2	H302 H411	GHS07 GHS09 Wng	H302 H411		orali: ATE = 500 mg/kg pġ"	
"613-054-00-0	tjabendażol (ISO); 2-(tijażol-4-il)benżimidażol	205-725-8	148-79-8	Aquatic Acute 1 Aquatic Chronic 1	H400 H410	GHS09 Wng	H410		M=1 M=1"	
"616-018-00-2	dijetiltoluwammid (ISO): *N*,*N*-dijetil-*m*-toluwammid; [deet]	205-149-7	134-62-3	Acute Tox. 4 Skin Irrit. 2 Eye Irrit. 2	H302 H315 H319	GHS07 Wng	H302 H315 H319		orali: ATE = 1892 mg/kg pġ"	

(c) jiddaħħlu r-ringieli li ġejjin:

Nru tal-Indiċi	Isem Kimiku	Nru tal-KE	Nru CAS	Klassifikazzjoni		Tikkettar			Limiti ta' Konċ. Speċifiċi, Fatturi-M u ATEs	Noti
				Klassi ta' Periklu u Kodiċi(jiet) ta' Kategorija	Kodiċi(jiet) tad-dikjarazzjoni ta' Periklu	Pittogramma, Kodiċi(jiet) tal-Kliem Bħala Sinjal	Kodiċi(jiet) tad-dikjarazzjoni ta' Periklu	Kodiċi (jiet) Suppl. tad-dikjarazz-jonijiet ta' Periklu		
"022-006-002	diossidu tat-titanju; [f'forma ta' trab li fiha 1 % jew aktar ta' partiċelli b'dijametru ajrudinamiku ta' ≤ 10 μm]	236-675-5	13463-67-7	Carc. 2	H351 (bil-ġbid tan-nifs)	GHS08 Wng	H351 (bil-ġbid tan-nifs)			V, W, 10
080-012-00-0	klorur metilmerkuriku	204-064-2	115-09-3	Carc. 2 Repr. 1A Lact. Acute Tox. 2 Acute Tox. 2 Acute Tox. 2 STOT RE 1 Aquatic Acute 1 Aquatic Chronic 1	H351 H360Df H362 H330 H310 H300 H372 (is-sistema nervuża, il-kliewi) H400 H410	GHS08 GHS06 GHS09 Dgr	H351 H360Df H362 H330 H310 H300 H372 (is-sistema nervuża, il-kliewi) H410		bil-ġbid tan-nifs: ATE = 0,05 mg/l (trabijiet jew irxiex) dermali: ATE = 50 mg/kg pġ orali: ATE = 5 mg/kg pġ	1
601-090-00-X	benżo[*rst*]pentassafen	205-877-5	189-55-9	Carc. 1B Muta. 2	H350 H341	GHS08 Dgr	H350 H341			
601-091-00-5	dibenżo[*b, def*]krisene; dibenżo[*a,h*]pirene	205-878-0	189-64-0	Carc. 1B Muta. 2	H350 H341	GHS08 Dgr	H350 H341			
603-236-00-8	etanol, 2,2'-iminobis-, *N*-(C13–15-alkil lineari u fi friegħi) derivs.	308-208-6	97925-95-6	Repr. 1B	H360D	GHS08 Dgr	H360D			
607-733-00-0	ċiflumetofen (ISO); 2-metoksitil *(RS)*-2-(4-*tert*-butilfenil)-2-ċjano-3-osso-3-(α,α,α-trifluworo-*o*-tolil) propjonat	-	400882-07-7	Carc. 2 Skin Sens. 1A	H351 H317	GHS08 GHS07 Wng	H351 H317			

Nru tal-Indiċi	Isem Kimiku	Nru tal-KE	Nru CAS	Klassifikazzjoni		Tikkettar			Limiti ta' Konċ. Speċifiċi, Fatturi-M u ATEs	Noti
				Klassi ta' Periklu u Kodiċi(jiet) ta' Kategorija	Kodiċi(jiet) tad-dikjarazzjoni ta' Periklu	Pittogramma, Kodiċi(jiet) tal-Kliem Bħala Sinjal	Kodiċi(jiet) tad-dikjarazzjoni ta' Periklu	Kodiċi (jiet) Suppl. tad-dikjarazz-jonijiet ta' Periklu		
607-734-00-6	pentapotassju 2,2', 2', 2'", 2' -(etan-1,2-diilnitrilo) pentaaċetat	404-290-3	7216-95-7	Acute Tox. 4 STOT RE 2 Eye Irrit. 2	H332 H373 (bil-ġbid tan-nifs) H319	GHS08 GHS07 Dgr	H332 H373 (bil-ġbid tan-nifs) H319		bil-ġbid tan-nifs: ATE = 1,5 mg/l (trabijiet jew irxiex)	
607-735-00-1	*N*-karbossimetiliminobis (etilenenitrilo)tetra(aċidu aċetiku)	200-652-8	67-43-6	Acute Tox. 4 STOT RE 2 Eye Irrit. 2	H332 H373 (bil-ġbid tan-nifs) H319	GHS08 GHS07 Dgr	H332 H373 (bil-ġbid tan-nifs) H319		bil-ġbid tan-nifs: ATE = 1,5 mg/l (trabijiet jew irxiex)	
607-736-00-7	tetraaċetat tal-pentasodju (karbossilatometil)iminobis (etilenenitrilo)	205-391-3	140-01-2	Acute Tox. 4 STOT RE 2	H332 H373 (bil-ġbid tan-nifs)	GHS08 GHS07 Dgr	H332 H373 (bil-ġbid tan-nifs)		bil-ġbid tan-nifs: ATE = 1,5 mg/l (trabijiet jew irxiex)	
607-737-00-2	ftalat tad-diisoeżil	276-090-2	71850-09-4	Repr. 1B	H360FD	GHS08 Dgr	H360FD			
608-069-00-4	fludjossonil (ISO); 4-(2,2-difluoro-1,3-benżodijossol-4-il)-1*H*-pirrole-3-karbonitril	-	131341-86-1	Aquatic Acute 1 Aquatic Chronic 1	H400 H410	GHS09 Wng	H410		M=1 M=10	
613-329-00-5	ħalosulfuron-metil (ISO); metil 3-kloro-5-{[(4,6-dimetossipirimidin-2-il)karbamojl]sulfamojl}-1-metil-1*H*-pirażole-4-karbossilat	-	100784-20-1	Repr. 1B Aquatic Acute 1 Aquatic Chronic 1	H360D H400 H410	GHS08 GHS09 Dgr	H360D H410		M=1000 M=1000	
613-330-00-0	2-metilimidażole	211-765-7	693-98-1	Repr. 1B	H360Df	GHS08 Dgr	H360Df			

Nru tal-Indiċi	Isem Kimiku	Nru tal-KE	Nru CAS	Klassifikazzjoni		Tikkettar			Limiti ta' Konċ. Speċifiċi, Fatturi-M u ATEs	Noti
				Klassi ta' Periklu u Kodiċi(jiet) ta' Kategorija	Kodiċi(jiet) tad-dikjarazzjoni ta' Periklu	Pittogramma, Kodiċi(jiet) tal-Kliem Bħala Sinjal	Kodiċi(jiet) tad-dikjarazzjoni ta' Periklu	Kodiċi (jiet) Suppl. tad-dikjarazz-jonijiet ta' Periklu		
616-225-00-8	(*RS*)-2-metossi-*N*-metil-2-[α-(2,5-żililossi)-*o*-tolil] aċetammid; mandestrobin	-	173662-97-0	Aquatic Acute 1 Aquatic Chronic 1	H400 H410	GHS09 Wng	H410		M=1 M=10	
616-226-00-3	karbossin (ISO); 2-metil-*N*-fenil-5,6-diidro-1,4-ossatiin-3-karbossammid; 5,6-diidro-2-metil-1,4-ossatiin-3-karbossanilid	226-031-1	5234-68-4	STOT RE 2 Skin Sens. 1 Aquatic Acute 1 Aquatic Chronic 1	H373 (kliewi) H317 H400 H410	GHS08 GHS07 GHS09 Wng	H373 (kliewi) H317 H410		M=1 M=1	
616-227-00-9	metaflumiżon (ISO); (*EZ*)-2'-[2-(4-ċjanofenil)-1-(α,α,α-trifluworo-*m*-tolil)etilidene]-[4-(trifluworometossi)fenil]karbaniloidrazide [*E*-iżomer > 90%, Z-iżomer <10% kontenut relattiv]; [1] (*E*)-2'-[2-(4-ċjanofenil)-1-(α,α,α-trifluworo-m-tolil) etilidene]-[4-(trifluworometossi)fenil]karbaniloidrazide [2]	-	139968-49-3 [1] 852403-68-0 [2]	Repr. 2 Lact. STOT RE 2	H361fd H362 H373	GHS08 Wng	H361fd H362 H373			
650-056-00-0	dibutilbis(pentane-2,4-dijonato-O,O')tin	245-152-0	22673-19-4	Repr. 1B STOT RE 1	H360FD H372 (sistema immunitarja)	GHS08 Dgr	H360FD H372 (sistema immunitarja)'.			

ANNESS IV

Fl-Anness VI tar-Regolament (KE) Nru 1272/2008, fit-tabella 3, ir-ringiela bl-Indiċi Nru "648-055-00-5 " tiġi sostitwita b'dan li ġej:

Nru tal-Indiċi	Isem Kimiku	Nru tal-KE	Nru CAS	Klassifikazzjoni		Tikkettar			Limiti ta' Konċ. Speċifiċi, Fatturi-M u ATEs	Noti
				Klassi ta' Periklu u Kodiċi(jiet) ta' Kategorija	Kodiċi(jiet) tad-dikjarazzjoni ta' Periklu	Pittogramma, Kodiċi(jiet) tal-Kliem Bħala Sinjal	Kodiċi(jiet) tad-dikjarazzjoni ta' Periklu	Kodiċi (jiet) Suppl. tad-dikjarazz-jonijiet ta' Periklu		
"648-055-00-5	żift, qatran tal-faħam, temp.għolja; [Ir-residwu mid-distillazzjoni tal-qatran tal-faħam b'temperatura għolja. Solidu iswed b'punt ta' trattib approssimattiv minn 30 °C sa 180 °C (86 °F sa 356 °F). Magħmul primarjament minn taħlita komplessa ta' idrokarburi aromatiċi bi ċrieki kondensati bi tliet membri jew iktar.]	266-028-2	65996-93-2	Carc. 1A Muta. 1B Repr. 1B	H350 H340 H360FD	GHS08 Dgr	H350 H340 H360FD".			